Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

# MINUTI

# LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

# IS-SEBGHA LEGISLATURA 2017

# SEDUTA NUMRU 37

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi Itaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera, S-Swieqi nhar l-Erbgha 8 ta Marzu fil-17.15

---

**Prezenti:**

Noel Muscat - Sindku

Justin Fenech - Vici Sindku

Alex Chetcuti - Kuinsillier

Mary Anne Abela - Kunsilliera

Paul Fenech - Kunsillier

Alfred Curmi - Kunsillier

Theresa Valentino Kunsilliera

Mauro Miceli - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti**:

Vince Tanti - Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati**

Il-Kunsillier Mario Fava kien skuzat ghax kien rikoverat.

**<u>Qari tal-Minuti</u>**

Il-minuti gew approvati minll-Kunsillier Paul Fenech, filwaqt li l-Kunsillier Mauro Miceli ssekondhom. Kien hemm korrezzjoni wahda. Ma' l-applikazzjonijiet li tkellmet fuqhom il-Kunsillier Theresa Valentino kien hemm ukoll wahda f'Wied id-Dis.

**Rapport tas-Sindku**

- Art Exhibition- Sinjuri Farrugia. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-koppja Farrugia talli qasmu maghna  t-talenti taghhom. Hija haga pozittiva u wasslu messagg importanti li qatt mhu tard tibda' xi haga gdida hekk kif il-koppja Farrugia bdew jistudjaw l-arti bl-iskola ghaxar snin ilu irrimarka is-Sindku. Ha l-opportunita biex ukoll jirringrazzja lil-Kunsillier Paul Fenech ghal inizjattivi kulturali li qed iwettaq b'success u regolarita fis-Swieqi.

- Is-Sindku iltaqa ma' Mr. Marc Stafrace ta' Nike International fuq ir-riklamar u l-upgrading tal-mini fi-Swieqi Road. Is-Sur Stafrace ser jistenna minghadna sabiex nippreperaw u nipprezentawlu kuntratt.Il-Kunsillier Alex Chetcuti talab ghal time-frame sabiex dan jitlesta, u d-diskors dar fuq kif ser isir traffic management gdid f'din il-parti. Il-Vici Sindku pporopona li ssir one-way il-barra mis-Swieqi biss.

- Active Media Ltd, fuq riklamar fi Triq St. Andrews. Is-Sindku iltaqa mas-Sur Franco Naudi ta'[ Active Media Enterprises sabiex jiddiskuti l-bejgh ta' spazju ghar-riklamar fi Triq St. Andrews, faccata is-Sunrise Bar. L-idea hi li jinzerghu shrubs/ Bushes fi Triq l-Gharbiel biex tigi 'embellished' l-area u fl-istess hin thun ukoll buffer ghal istorbju li jigi minn Triq St. Andrews u fl-istess hin jinghattew ir-riklami tal-hadid.  Huwa kkalkolat li dan il-progett ser jiswa €6000 izda ser jkun self-sufficient. Is-Sindku qed jipproponi li matul l-ewwel sena Active Media ihallsu l-Kunsill €6000 f'zewgt pagamenti, €4500 fit-tieni sena u €5000 fit-tielet sena. Il-Kunsill ser jidhol risponsabbli ghal manteniment tal-pjanti.

- Greenpak - Is-Sindku informa li saret laqgha mal-Greenpak biex jigi diskuss il-possibilta ta l-introduzzjoni ta' gbir ta borza griza ohra kif ukoll gurnata ohra ghal gbir tal-hgieg. Gie diskuss ukoll l-introduzzjoni ta' mobile cameras sabiex jigi mmonitorjat fejn qed jigi mahrug iz-zibel mhux fil-granet indikati.

Qed jigi proponut gbir kif indikat:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | -  Organic u borza sewda |
| It-Tlieta | -Borza griza |
| L-erbgha | - Organic |
| Il-Hamis | - borza sewda u borza griza |
| Il-Gimgha | - Organic |
| Is-Sibt | - borza sewda |

Il-hgieg jingabar kull hmistax nhar ta gimgha.

Ingabar l-opinjoni ta' kulhadd fuq dan u din kienet l-opinjoni finali:

Alex Chetcuti u Mauro Miceli kienu kontra li titnehha gurnata ghal gbir ta borza sewda;
Justin Fenech u Maryanne Abela kienu favur izda irid isir enforcement;
Noel Muscat, Paul Fenech, Alfred Curmi u Theresa Valentino kienu favur.

- Seminar AKL - Is-Sindku skuza ruhu li ma setax jattendi dan is-seminar u irringrazzja lill Kunsillieri Maryanne Abela u Paul Fenech li attendew. Prezenti wkoll ghas-seminar kien hemm il-Kunsillier Mario Fava, li kien speaker fl-istess seminar.

- Artisans Market. Kull l-ewwel Hadd tax-xahar qed jigi organizzat Artisan's Market fil-gnien biswit l-ufficini tal-Kunsill. S'issa diga saru tnejn, it-tnejn li huma ghal artisti fil-qasam ta l-arti tat-tpingija. Huwa ppjanat li 'l quddiem jsiru wkoll esebizzjonijiet u bejgh ta' costume jewellery maghamulin bl-idejn, ikel organiku, kotba wzati u affarijiet ohra simili. Is-Sindku irringrazzja lil-Kunsillier Paul Fenech tal hidma tieghu f'dan il-progett.

- Tender tad-Dawl tat-toroq. Is-Sindku spjega li ir-Regjun tat-Tramuntana, li lilu ahna nippartjenu hareg tender tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Is-sSndku fakkar li dejjem kien ta l-opinjoni li s-Swieqi m'ghandux jidhol parti interessat ma' dan it-tender, dan ghaliex ihoss li il-lokalita m'ghandiex affinita mir-Regjun Tramuntana, ghalkemm jirikonoxxi li anke Pembroke u Gharghur jghamlu parti minn dan ir-regjun. Ghalhekk hass li jkun tajjeb illi nistiednu lill-Anthony Mifsud, President tar-Regjun sabiex jispjega lill-Kunsill il-kontenut u l-benificcji ghall-Kunsill li nappartjenu ghal dan it-tender.

- Fuq l-istess punt is-Sindku informa li hu u s-Segretarju ezekuttiv iltaqghu mal-kollegi tal Kunsilli ta' San Gwann, San Giljan u Sliema sabiex jaraw il-possibilta' li jinhareg tender bejnietom fuq street lighting. Sar draft agreement li kellu jigi cekkjat mill-ufficjal legali tal-Kunsill ta' San Giljan u jintbaghat lid-DG ghall- approvazzjoni. Logistikament jaghmel iktar sens li ninghaqdu ma' dawn il-Knsilli sostna is-Sindku.

- CCTV-MOU- Il-Ministeru tat-turizmu baghat Memorandum of Understanding fir-rigward ta l-installazzjoni ta security cameras. Dan intbghat lill-Vici-Sindku ghal konferma tieghu. Dan il MOU ser jigi ffirmat fil Ministeru tat-turizmu nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu fl-10.00. Kulhadd huwa mistieden biex jkun prezenti.

- Gnien FX Ebejer. Ix-xoghol f' da nil-gnien miexi sew, izda jonqos parti mportanti ta' 'fencing' bil-bushes , kif ukoll is-sigar. Is-Sindku ta dettalji ta' x'sar s'issa u anke x'baqa jsir. Informa wkoll li l-Ministru tat-turizmu wieghed ukoll somma ta' €30,000 ghal dan il-progett. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa ghall-dokumentazzjoni fuq dan il-punt.
  Waslet ukoll kwotazzjoni ghal play-area ghat-tfal ghal dan il-gnien u ser isir attentat biex jinstab sponsor ghal dan.

Tnehhew zewgt sigar ta' l-akacia min dan il-gnien u minflokhom jridu jinzerghu zewgt sigar ohra, ghalkemm hemm problema li ghad hemm l-gheruq tas-sigar l-antiki li jridu jinqalghaw qabel.

- Pjazza Uqija. Is-Sindku informa li ghad ma hemmx informazjoni fuqxiex wiehed jista jitkellem jew fejn wasal fuq il-progett ta l-embellishment ta' Pjazza Uqija.

- Gnien Esprit Barthet – l-istess jist' jinghad ghal dan il-progett.

- Ittra lill-President ta' Malta. Wara li L-ET Marie Louise Coleiro Preca, President Ta' Malta tkellmet favur l-importanza ta' spazji miftuha u prezentazzjoni mill-Kunsillier Theresa Valentino fuq dan il-punt, intbaghtet ittra lill Eccellenza Taghha u ircevejna *acknowledgement*. Is-Sindku talab l-intervent ta' l-Eccellenza taghha sabiex il-Gvern jixtri/ ipartat bicca art biswiet l-ufficcju tal-kunsill u jsir centru kulturali regjunali. Kopja ta' din l-ittra ser tigi mghemuza ma dawn il-minuti.

- Bus Shelter. Is-Sindku tkellem fuq il-bus shelter fi Triq San Andrija, quddiem il-Forex li kellha tersaq xi ftit metri minhabba xi xogholijiet f' din l-istess triq. Ghalkemm ktibna diversi drabi ghadna bla risposta definittiva ghal meta ser tigi nstallata mil-gdid din il-bus shelter, u ssugerixxa lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jikteb lill Ministru u is-CEO ta Transport Malta fuq din il-problema. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li intbghatu 7 reminders u saru diversi telefonati fuq din il problema. Informa li l-ahhar komunikazzjoni gejna nformati li nbidel is-supplier tal-bus-shelters minhabba nuqqas ta' servizz. Gejna nfurmati din il-materja shelter hija priorita ghalihom ukoll.

- Cow Farm – Il-propjetarju ta' dak li kien ir -razzett tal-baqar qed jippjana li jbiddel is-sit u l-bini f'zona turistika, u fuq dan il-punt sejjah laqgha ma' Nature Trust u mal-Front Harsien ODZ. Il-Kunsill tas-Swieqi kien mistieden ghal din il-laqgha li kienet mmexxijja minn Lou Bondi, li kien il-PR ta l-izviluppatur. Saret prezentazzjoni fuq l-izvilupp progettat u diskussjoni wara. Il-bini ser jkun fuq l-istess foot-print u gholi ta' binja ezistenti u l-kuncett huwa wiehed innovattiv., fejn *units* zghar jinbnew u mikrija lill negozjanti li jkunu jridu joqghodu fuq perjodu qasir f'ambjent tipiku Malti. Is-Sindku ippropona li jistieden lill-izviluppatur jaghamel l-istess prezentazzjoni lill kunsill sabiex il-kunsill jkun f'pozizzjoni jiehu decizjoni fuq dan.

- Triq il-Franciz One Way. Is-Sindku tkellem ukoll fuq id-decizjoni li Triq tal-Franciz issir one way. Informa li kien hemm reazzjoni varja ghal din id-decizjoni. Naturalment dawk li huma effettwati direttament minn din id-decizjoni ma tantx huma kuntenti b'din id-decizjoni. Izda s-Sindku qal wahda b'certezza, li hafna nies mhux jaghtu kaz is-sinjali u xorta nizlin one way minn din it-triq. Ghalaq fuq dan il-punt billi emfasizza fuq l-importanza li l-parti tan-nofs ta din it-triq, li tghaqqad il-parti ta fuq ma ta' taht trid tinfetah kemm jista jkun malajr. Hu kiteb lill-Ombudsman fuq dan (ittra annessa), u kien hemm resident iehor li ghamel l-istess, u saret laqgha mieghu fuq il-post.

- Is-Sindku wassal ukoll talbiet min-residenti sabiex Triq L-Gharbiel issir one way minn Triq id-Dris sa Triq is-Sirk. Issugerixxa li niktbu lill-Transport Malta sabiex din l-applikazzjoni ssir kemm jista jkun malajr.

- Triq in-Nofs – sar ukoll appell biex triq in-nofs issir one way ukoll. Triq dejqa li trid issir one way il-fuq biss., filwaqt li triq il-Kartocc, parallel maghha issir One Way l-isfel biss.

**Punti Mill-Kunsillieri**

1. Il-Kunsilliera Theresa Valentino staqsiet saru xi progress fuq il-bus-shelter ta' Pender Gardens. Is-Segretarju Ezekuttiv Il-Kunsillier Alex Chetcuti wkoll ghamel referenza ghal dan il-bus-shelter fl-intervent tieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien diga tkellem mas Segretarju Ezekuttiv ta' San Giljan fuq dan il-punt u offra s-support mil-Kunsill tas-Swieqi fuq da nil-punt. Avza wkoll li kien tkellem b'telefonata mas'Sur Ivan Vella minn Transport Malta fuq dan il-Bus Shelter ukoll.

2. Il-Kunsillier Theresa Valentino staqsiet ukoll jekk nistawx niehdu decizjoni fuq it-talba sabiex tinghata layer ta tarmac f'parti min triq Bouganvilla. Is-sindku informa li ghalkemm jifhem is-sitwazzjoni u jixtieq li jista jilqa din it-talba, is-sitwazzjoni ma tippermettix li dan isis, peress li hem toroq b'iktar urgenza u priorita li jigu rrangati diment li jkun hem il-fondi ghalihom. Izda xorta wahda ser jipprova jgib kwotazzjoni ohra ghaliex l-ahhar kwotazzjoni ghal din il-parti kienet ta €5800.00.

3. Il-Kunsillier Theresa Valentino tkellmet ukoll fuq il-problema ta' tlett parking bays fi Triq il-Qawsalla, minhabba blat vicin it-triq li ma jippermettix li tiftah bieba ta karozza. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li soluzzjoni tista tkun li jinbidlu l-parking bays u jsiru n-naha l-ohra tat-triq, ghalkemm jista jintilfu parking bay jew tnejn biex isir dan. Dan ghaliex l-ispiza biex jitkisser il-blat, u l-periklu li jista jsir lill-hajt privat li jinsab mibni fuq dan il-blat huwa kbir u ta' riskju. Ssugerixxa wkoll li t-triq issir One way ghaliex hemm *blind corner* perikoluza, u t-triq tidjaq fil-parti t-isfel li tohrog ghal Triq ix-Xiber. Ssugerixxa wkoll li il-blata tista tinbidel f'rock garden bi ftit spejjez. Kien hemm qbil fuq dawn il-punti kollha.

4. Il-Kunsillier Alfred Curmi gibed l-attenzjoni li wasalna ghal *consultation meeting* li jsir darba fis-sena mar-residenti, ga ladarba l-*budget* jkun lest u jista jigi pprezentat ufficjalment. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser jigi pprezentat il-budget u jigi diskuss il-*consultation meeting*.

5. Il-Kunsillier Mauro Miceli informa li l-iskwadra tal-futbol feminili tas-Swieqi rebhu l-kampjonat hames loghbiet qabel ma jispicca. Il-Kunsill kollu ferhilhom ghal dan is-success.

6. Il-Kunsillier Alex Chetcuti, apparti li tkellem ukoll fuq il-bus-shelter tal-Forex, irrimarka wkoll fuq l-exit perikoluz li qed isir mill-parking tal-Greens Supermarket. Dan qed johloq periklu ghaliex in-nies qeghdin johorgu u jduru ghal kull direzzjoni minghajr wisq kas ghar-regolamenti tat-traffiku. Il-Kunsillier Maryanne Abela ssugerit li tintbghat ittra lil-Transport Malta jew lill-Planning Authority sabiex jigi osservat jekk il-pjan li kellu jigi attwat mill kumpanijja Greens hux jigi attwat.

7. Il-Kunsillier Alex Chetcuti sahaq ukoll li jehtieg li titwahhal camera tal-wardens fi Triq San Andrija, faccata tal-pastizzi sabiex tigi kkontrollata l-abbuz kontinwu ta' nies li jiefqu fil-main road jixtru l-pastizzi. Talab ukoll biex jigi nstallati tabelli ta' riklamar quddiem tal-pastizzi sabiex dawn ukoll jkuni ta deterrent ghal nies biex jaghamlu hekk.

8. Il-Kunsillier Theresa Valentino regghet gibdet l-attenzjoni ghal tabella partikolari ta' Transport Malta li mhix korretta, ghaliex qeghda taghti direzzjoni ghal belt bi vlegga tipponta lejn is-sema flok lejn xellug jew lemin. Is-Segretarju informa li TM huma ga avzati fuq din it-tabella.

9. Is-Sindku avza li jrid li l-Kunsill jigi nfurmat min Transport Malta jew mill Planning Authority kull meta jkun ser isir xi xoghol fil-lokalita. Is-Segretarju Ezekuttiv ser jikteb lill-awtoritijiet koncernati fuq dan.

**APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti nru 29. Il-Kunsillier Alfred Curmi gibed l-attenzjoni fuq tlett pagamenti li xtaq iktar informazzjoni qabel ma dawn jithallsu. Dawn it-tlett pagamenti gew irtirati sakemm tigi pprezentata din l-informazzjoni. Il-pagamenti l-ohra gew approvati minn dawk kollha prezenti. Aness ma' dawn il-Minuti se jkun hemm ir-rapport prezentat mill-Kunsillier Alfred Curmi.

Din is-seduta ntemmet fit-20.00 u b'mod unanimu giet aggornata

ghas-6 ta'April fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |